



Brussell, 2 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2023/0102(NLE)

8172/1/23
REV 1

FRONT 114
COWEB 40
MIGR 121

PROPOSTA

Nru dok. Cion: COM(2023) 261 final/2

Suġġett: Proposta għal DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
dwar l-Istatus bejn I-Unjoni Ewropea u I-Montenegro dwar attivitat jiet
operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-
Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 261 final/2.

Mehmuż: COM(2023) 261 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2023
COM(2023) 261 final/2

2023/0102 (NLE)

CORRIGENDUM

This document corrects document COM(2023)261 final of 05.04.2023

Concerns all language versions

Addition of the reference to the Commission Staff Working Document SWD(2023) 755 linked to the Proposal

The text shall read as follows

Proposta għal

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro
dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-
Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro**

{SWD(2023) 755 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Wieħed mill-kompli tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-“Aġenzija”) huwa li tikkoopera ma’ pajjiżi terzi fir-rigward tal-oqsma koperti mir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (ir-Regolament (UE) 2019/1896) (“ir-Regolament”) “inkluż permezz tal-istazzjonament operazzjonali possibbli ta’ timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri f’pajjiżi terzi.”¹ B’mod speċifiku, l-Aġenzija, bħala parti mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, għandha tiżgura l-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri², li komponent minnhom huwa l-kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi fl-oqsma koperti mir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta “b’efasi partikolari fuq pajjiżi terzi ġirien u fuq pajjiżi ta’ oriġini jew ta’ tranżitu għall-immigrazzjoni irregolari³. L-Aġenzija tista’ tikkoopera mal-awtoritatiet ta’ pajjiżi terzi kompetenti fi kwistjonijiet koperti mir-Regolament sa fejn ikun meħtieġ għall-issodisfar tal-kompli tagħha⁴ u tista’ twettaq azzjonijiet relatata mal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fit-territorju ta’ pajjiż terz soġġett għal ftehim ma’ dak il-pajjiż terz.

Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament, f’ċirkostanzi li jeħtieġu l-istazzjonament ta’ timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta f’pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet jeżerċitaw setgħat eżekkutti, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat. Jenħtieġ li tali ftehim dwar l-istatus ikun ibbażat fuq il-mudell li l-Kummissjoni fasslet kif previst fl-Artikolu 76(1) tal-istess regolament. Il-Kummissjoni adottat dan il-mudell fil-21 ta’ Diċembru 2021⁵.

Il-Montenegro jinsab fuq ir-rota tal-migrazzjoni tal-Balkani tal-Punent, li tara migrazzjoni irregolari sinifikanti lejn l-Unjoni Ewropea, kemm permezz tal-art kif ukoll madwar il-Baħar Adriyatiku. Fl-2022, l-Aġenzija rreġistra 144 118 qsim irregolari tal-fruntieri fil-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea fuq ir-rota tal-Balkani tal-Punent. Il-migranti irregolari huma fil-mira ta’ gruppi kriminali organizzati involuti fil-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ persuni u huma f’riskju kbir ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-livell għoli ta’ wasliet irregolari u applikazzjonijiet għall-ażil qed ipoġġi wkoll pressjoni sinifikanti fuq xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u dan qed iwassal għall-ħtieġa ta’ azzjoni komuni u kkoordinata fil-livell tal-Unjoni bbażata fuq il-prinċipji tal-kondiżjoni ġusta tar-responsabbiltà u s-solidarjetà minquxa fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil⁶.

Mill-2017, il-Kummissjoni Ewropea nnegozjat ftehim dwar l-istatus mal-Montenegro abbażi tar-Regolament précédent dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (ir-Regolament

¹ L-Artikolu 10(1)(u) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

² L-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

³ L-Artikolu 3(g) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

⁴ L-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

⁵ Il-Komunikazzjoni COM(2021) 829 - Mudell ta’ ftehim dwar l-istatus kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624.

⁶ [Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil: Dokumenti dwar il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ġew-adottati fit-23 ta’ Settembru 2020 | Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/migration/sites/default/files/2020-09/2020_09_23_eu_migrant_protection_pact_en.pdf)

(UE) 2016/1624⁷). Dan il-ftehim kien iffirmat f'Ottubru 2019; il-Kunsill adotta d-deċiżjoni rilevanti dwar il-konklużjoni tiegħu f'Mejju 2020 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2020⁸.

L-operazzjonijiet konġunti mwettqa abbażi ta' dan il-ftehim dwar l-istatus huma limitati għall-fruntieri tal-Montenegro mal-Unjoni Ewropea – attwalment 14 km ta' fruntiera tal-art mar-Repubblika tal-Kroazja u porzonijiet tal-Baħar Adrijatiku. L-Aġenzija nediet żewġ operazzjonijiet konġunti fil-Montenegro: *Operation Montenegro Land* fil-fruntiera tal-art tal-Montenegro mal-Kroazja (imnedija fil-15 ta' Lulju 2020) u *Operation Montenegro Sea* tul il-fruntiera marittima tagħha mal-Italja (imnedija fl-14 ta' Ottubru 2020).

F'Ottubru 2021, il-Ministeru tal-Intern tal-Montenegro diġà informa lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna li xtaq jibda negozjati dwar ftehim dwar l-istatus ibbażat fuq ir-Regolament (UE) 2019/1896 il-ġdid dwar il-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta, li jippermetti wkoll operazzjonijiet konġunti fil-fruntieri għajr dawk mal-Unjoni Ewropea, sabiex jippermetti l-iskjeramenti tal-Aġenzija għat-tul kollu tal-fruntieri tal-pajjiż. Għalhekk, fl-20 ta' Mejju 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni ppreżentaw il-mudell tal-ftehim dwar l-istatus skont ir-Regolament tal-2019 lill-awtoritajiet Montenegrini, filwaqt li enfasizzaw id-differenzi fir-rigward tal-ftehim dwar l-istatus attwalment fis-seħħ.

Fit-18 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex tiftaħ negozjati mal-Montenegro kif ukoll mal-Albanija, is-Serbja u l-Bożnija-Herzegovina, għal ftehim dwar attivitajiet operazzjonali li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta f'dawk il-pajjiżi (jiġifieri, ftehim dwar l-istatus abbażi tar-Regolament (UE) 2019/1896). Fit-30 ta' Novembru 2022, ġiet organizzata laqgħa ta' tnedja mill-Kummissjoni mal-erba' pajjiżi msemmija hawn fuq, li fiha ġew ippreżentati n-novitajiet ewlenin tal-mudell tal-ftehim dwar l-istatus. Il-Kummissjoni Ewropea, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-Montenegro kellhom negozjati formal i bil-ħsieb ta' ftehim fit-23 u l-24 ta' Frar 2023 f'Podgorica. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-objettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu ntlaħqu u li l-ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-proposta meħmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-bażi ġuridika għall-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Montenegro.

Is-sitwazzjoni tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen

Din il-proposta tibni fuq l-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Madankollu, l-Unjoni ma għandha l-ebda setgħa li tikkonkludi ftehim dwar l-istatus mal-Montenegro b'mod li jorbot lin-Norveġja, lill-Iżlanda, lill-Iżvizzera u lil-Liechtenstein. Sabiex jiġi żgurat li l-gwardji tal-fruntiera u persunal rilevanti ieħor li jintbagħtu minn dawk il-pajjiżi lejn il-Montenegro jibbenif kaw mill-istess status kif previst fil-ftehim dwar l-istatus, id-dikjarazzjonijiet konġunti meħmuża mal-ftehim dwar l-istatus jenħtieġ li jiddikjaraw ix-xewqa li jiġu konklużi ftehimiet simili bejn il-Montenegro u kull wieħed minn dawk il-pajjiżi assoċjati.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1–76).

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/729 tas-26 ta' Mejju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Status bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Montenegro.

Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE⁹; Ĝhaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-tishħiħ tal-kontrolli fit-territorju tal-Montenegro sejkollu impatt pożittiv fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni kif ukoll fuq il-fruntieri tal-Montenegro nnifsu. Il-konklużjoni ta' ftehim dwar l-istatus tkun marbuta mal-objettivi u l-prioritajiet usa' għall-kooperazzjoni kif stabbiliti fil-Ftehim ta' Stabbilazzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Montenegro.¹⁰

Il-konklużjoni ta' ftehim dwar l-istatus tista' wkoll tappoġġa l-isforzi u l-impenji usa' tal-Unjoni Ewropea biex tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet sabiex tikkontribwixxi għall-maniġġar ta' rispons għall-kriżijiet u tippromwovi l-konverġenza dwar kwistjonijiet barranin u ta' sigurtà bejn l-Unjoni u l-Montenegro.

2. BAŻI ġURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) TFUE.

Il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea li tikkonkludi ftehim dwar l-istatus hija prevista b'mod espliċitu fl-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, li jiddikjara “[f]’ċirkostanzi li jirrikjedu l-istazzjonament f’pajjiż terz ta’ timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti meta l-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekutivi, l-Unjoni għandha [...] tikkonkludi mal-pajjiż terz ikkonċernat”.

Skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea għandu, fost l-oħrajn, ikollha kompetenza esklużiva għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun prevista f'att leġiżlattiv tal-Unjoni. L-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 jipprevedi ftehim dwar l-istatus irid jiġi “konkluż bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat”. Konsegwentement, il-ftehim li għandu jiġi ffirmat u konkluż mal-Montenegro jaqa’ fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-ftehim dwar l-istatus propost huwa bbażat fuq il-mudell ta’ ftehim adottat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021¹¹, filwaqt li jitqies il-ftehim eżistenti dwar l-istatus mal-Montenegro¹².

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

¹⁰ ĠU L 108, 29.4.2010, p. 3

¹¹ Komunikazzjoni COM (2021) 829.

¹² [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=CELEX:22020A0603\(01\)&rid=2](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=CELEX:22020A0603(01)&rid=2)

- **Sussidjarjetà u proporzjonalità**

- Il-ħtieġa għal approċċ komuni*

Ftehim dwar l-istatus se jippermetti l-iskjerament fil-Montenegro ta' timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta, bl-użu tal-possibiltajiet kollha offruti mir-Regolament (UE) 2019/1896. Mingħajr tali għodda, l-iskjeramenti bilaterali mill-Istati Membri biss jistgħu jintużaw biex jiżviluppaw u jimplimentaw il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u jappoġġaw lill-Montenegro fil-ġestjoni ta' għadd sinifikanti ta' migranti li jfittxu li jgħaddu mit-territorju tiegħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku limitat ħafna tal-ftehim attwali dwar l-istatus mal-Montenegro. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ komuni għal-ġestjoni aħjar tal-fruntieri tal-Montenegro.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TALK-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Billi dan se jkun ftehim ġdid, ma setgħet titwettaq l-ebda evalwazzjoni jew kontroll tal-idoneitā tal-istrumenti eżistenti. L-ebda valutazzjoni tal-impatt ma hija meħtieġa għan-negozjati dwar il-ftehim dwar l-istatus.

- **Drittijiet fundamentali**

F'konformità mal-premessa 88 tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali rilevanti għall-oqsma koperti mill-ftehim dwar l-istatus fil-Montenegro u tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

Il-ftehim previst se jkun fih miżuri prattiċi relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali u għandu jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati bis-sħiħ matul l-attivitajiet organizzati fuq il-bażi tal-ftehim. Il-ftehim se jipprevedi mekkaniżmu tal-ilmenti indipendenti u effettiv f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/1896 biex jimmonitorja u jiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha organizzati fuq il-bażi tal-ftehim.

- **Protezzjoni tad-data**

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data se jiġi kkonsultat dwar id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-istatus relatati mat-trasferimenti ta' data jekk dawk id-dispożizzjonijiet ikunu sostanzjalment differenti mill-mudell tal-ftehim dwar l-istatus.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĞTARJI

Ftehim dwar l-istatus fih innifsu ma għandu l-ebda implikazzjoni finanzjarja. L-iskjerament attwali ta' timijiet ta' gwardji tal-fruntieri fuq il-bażi ta' pjan operazzjonali jkun jinvolvi kostijiet imġarrba mill-baġit tal-Aġenzija. Operazzjonijiet futuri taħt ftehim dwar l-istatus se jiġu ffinanzjati permezz tar-riżorsi propri tal-Aġenzija kif previst fiċ-ċiklu tal-baġit annwali tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta digħi tifforma parti mill-baġit tal-Unjoni kif stabbilit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ftehim Qafas Finanzjarju Pluriennali.

5. ELEMENTI OĦRA

- Pjanijiet ta' implementazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tiżgura l-monitoraġġ xieraq tal-implementazzjoni tal-ftehim dwar l-istatus.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro
dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-
Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2023/XXX ta' [...], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro (“il-Ftehim”) kien iffirmat minn [...] fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (2) Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³, f'ċirkostanzi li jirrikjedu l-iskjerament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta lejn pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekkutti, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat abbażi tal-Artikolu 218 tat-Trattat.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹⁴, Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka¹⁵, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xħur wara li l-Kunsill ikun iddeċċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex se tiplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (5) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

¹³ Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

¹⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

¹⁵ Il-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 299–303.

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Montenegro (il-“Ftehim”), huwa b’dan awtorizzat f’isem l-Unjoni¹⁶.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha, f’isem l-Unjoni, tinnotifika lill-Montenegro, kif prevista fl-Artikolu 22(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha¹⁷.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹⁶ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, p..

¹⁷ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f’Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat ĊGenerali tal-Kunsill.